

# L-Industrija tax-Xemgħa f'Beltna

Ernest Ciantar



L-industriji antiki f'pajjiżna nistgħu nsejħulhom il-gwardjani tal-passat, għax jixhdu l-weġgħat u l-esplojtazzjoni li missirijietna għaddew minnhom, biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum tagħhom minn dawn l-industriji. Dawn is-siti industrijali tant importanti, ħallew l-impatt tagħhom fuq l-istorja tal-umanità, fejn immarkaw is-saħħa tal-bniedem li, jew jeqred, jew jikkrea l-għajxien tiegħu, bit-tama li jgħix ħajja aħjar u aktar komda.

Bla dubju, il-poplu Żebbuġi minn dejjem wera li kien poplu ħawtiel, bieżel, u li ma jaqtax qalbu mill-isfidi li jitfaċċaw quddiemu. F'pajjiżna kellna diversi industriji, fosthom l-industrija tal-qoton, l-industrija tal-ġir li kienet issir fil-kalkara tal-ġir, u t-tħin tal-qamħ fl-imtieħen tar-riħ, li għadna naraw minnhom f'kundizzjoni tajba sal-lum. Hawn ta' min jgħid li l-kalkara tal-ġir li nafu aħna, fil-fatt, oriġinarjament kienet mitħna tar-riħ, mibnija f'Ta' Ċanfut, mill-Granmastru Cottoner fis-seklu sbatax. Wara kienet ukoll użata bħala post fejn joqtlu l-annimali, u mill-1911 'il quddiem, kienet tintuża bħala kalkara tal-ġir.

Ma nistgħux ma nsemmux industrija importanti oħra f'Ħaż-Żebbuġ, li kienet tbiegħ il-prodott tagħha kemm f'Malta, kif ukoll f'Għawdex. Din hija l-industrija tax-xemgħa, magħrufa aħjar bħala *Coronation Candles*. Din ix-xemgħa kienet tinħadem mill-1925 sal-1985, f'post fi Triq Vassalli, fiż-żona magħrufa bħala "Tad-Dawl", ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Ta' min jgħid li dan il-bini, qabel ma serva bħala l-fabbrika tax-xemgħa, kien iservi bħala skola, fejn il-Poeta Nazzjonali Malti, iż-Żebbuġi Dun Karm Psaila, kien jattendi fi tfulitu.

Il-kumpanija *Coronation Candles* ġiet imwaqqfa mis-Sur Jimmy Micallef, u warajh komplew ix-xogħol siewi tiegħu, uliedu t-tewmin Joseph u Edward. Fatt importanti għal żmienna huwa li f'din il-fabbrika, għalkemm ilu bosta snin, kienu jaħdmu wkoll in-nisa. Dan ix-xogħol kien isir kollu bl-idejn. Anke jekk kien jintuża xi makkinarju, dan kien jitħaddem bl-idejn.



Il-magna Cowles

Hawnhekk għandna eżempju ta' magna C*owles* li biha kienu jiġu manifatturati ammonti kbar ta' xemgħat f'daqqa; imma l-makkinarju kien dejjem jiġi mħaddem bl-idejn.

Barra minn dan il-makkinarju, ix-xemgħa kienet tiġi magħmula wkoll b'diversi metodi, fosthom insibu x-Xemgħa tar-Rota. Dan il-proċess kien jinkludi ċirku tal-ħadid, b'dijametru ta' madwar metru, imserraħ u mimdud fuq lasta twila fejn mad-


Is-Sur Jimmy Micallef

dawra ta' dan iċ-ċirku, imsejjaħ ir-rota, kienu jiddendlu ħamsa u sebgħin ftila, li aktar 'il quddiem isiru ħamsa u sebgħin xemgħa. Kienu jagħmlu għoqda fuq u oħra isfel tal-ftila, u mbagħad, din kienu jdendluha mal-ganċijiet li jkun hemm maċ-ċirku. Biswit ir-rota, kien ikollhom borma kbira bix-xemgħa maħlula, u taħtha kien ikun hemm spiritiera tal-istim sabiex iddewweb ix-xemgħa. Wara, kienu jerfgħu x-xemgħa maħlula bil-kuċċarun u jitfgħuha fuq il-ftila. Din ix-xemgħa maħlula kienet tiżżerżaq mal-ftila, hi u nieżla tibda tibred u teħel mal-ftila. B'dan il-proċess, il-parti t'isfel tax-xemgħa kienet tiġi mħaxxna, waqt li l-parti ta' fuq kienet tibqa' rqiqa. Il-proċess kien jibqa' jiġi ripetut sakemm il-parti t'isfel tilħaq il-ħxuna mixtieqa. F'dan l-istadju, ix-xemgħa tinqaleb rasha 'l isfel, u kienet tiddendel mill-għoqda t'isfel. Hawn jerġa' jibda l-proċess bħal qabel, fejn permezz tal-kuċċarun, itellgħu x-xemgħa mill-borma u jferrgħuha fuq in-naħa ta' fuq tal-ftila. U hekk ix-xemgħa tibda tinbena bil-mod għall-ħxuna meħtieġa. Ir-rota kienu jdawwruha biex il-proċess jiġi ripetut fuq kull waħda mill-ħamsa u sebgħin xemgħa li kien hemm imdendla mar-rota. Qabel ma tinqaleb ix-xemgħa biex jitfgħulha x-xeħtiet bil-kontra, il-ħolqa fl-għoqda ta' taħt kienet tkun miksija bix-xemgħa. Għalhekk kienu jaqtgħu l-qiegħ tax-xemgħa ħalli tkun tista' terġa' tidher il-ħolqa, u jkunu jistgħu jerġgħu jdendluha bil-maqlub. Kien importanti li dan il-qiegħ jinqata' malajr kemm jista' jkun matul iċ-ċirku tax-xemgħat kollha qabel ma jibbiesu. Kien importanti wkoll li ma tinqatax il-ħolqa, għax minn din kienet tkun trid tiddendel ix-xemgħa għat-tieni xeħta.

Minbarra x-Xemgħa tar-Rota, kien hemm bosta xogħlijiet differenti xi jsiru f'din il-fabbrika. Xogħol li nistgħu nsemmu huwa dak magħruf bħala t-Turċetti. Dawn kienu jkunu xemgħat twal maħdumin fuq ir-rota, imbagħad jgħaqqduhom erba' erba' fuq magna speċjali, u wara jerġgħu jagħtuha x-xemgħa fuq ir-rota biex b'hekk ikollhom xemgħa waħda ħoxna b'erba' ftejjel. M'għandniex xi ngħidu, din kienet xemgħa konvenjenti ferm, speċjalment għall-fratelli tal-purċissjoni, għax jekk kienet tintefa' xi ftila minnhom, kien ikun fadlilhom it-tlieta l-oħra x'jixgħelu. B'hekk ix-xemgħa tibqa' mixgħula tul il-purċissjoni kollha.

Insibu wkoll xemgħa oħra li hija magħrufa bħala x-Xemgħa tal-Molla. Din kienet magħmula forma ta' xemgħa ħoxna, tal-injam fin-naħa t'isfel, u tal-landa fin-naħa ta' fuq. Din il-forma kienet tinkesa bix-xemgħa fuq ir-rota, u wara kienet tiddaħħal xemgħa dejqa fil-parti ta' fuq tal-landa, li kienet tkun imbuttata 'l fuq bil-mekkaniżmu ta' molla. U b'hekk ix-xemgħa l-kbira ma kienet tinħela qatt. Ta' min jgħid li din ix-xemgħa partikolari kienet tintuża l-aktar fuq l-altar maġġur.

*Coronation Candles* kienu jipproduċu wkoll xemgħat żgħar magħrufin bħala x-Xemgħat tat-Tazza, u oħrajn kemmxejn itwal, magħrufin bħala tas-Sitta jew tat-Tmienja, skont kemm ikun hemm xemgħat fil-pakkett. Hawn ma nistgħux ma nsemmux il-famuża xemgħa ħamra, li għadha ferm popolari mal-Maltin sal-ġurnata tal-lum. Din


Coronation Candles fi Triq Vassalli



Joe u Edward mar-Rota

kienet issir billi jimmanifatturaw xemgħa qasira u ħoxna, u wara kienu jdawwru magħha tertuqa ħamra li kienet teħel b'kolla apposta. Minbarra x-xemgħa konvenzjonali, kienu jużaw ħafna wkoll ix-xemgħa tan-naħal. Kienu jġibu x-xehda minn Malta stess, jew inkella jimpurtawha minn barra l-pajjiż. Kienet tinħadem bl-istess sistema bħax-xemgħa l-oħra, iżda din kienet tkun tiswa ferm aktar, u lewnha kien ikun safrani. Din kienet tintuża l-aktar waqt il-Quddiesa.

Magħrufa ħafna ma' missirijietna kienet ix-Xemgħa tal-Wegħda. Dawn kienu jsiru skont il-piż: tan-nofs kwart, tal-kwart, tan-nofs artal, tar-ratal, tan-nofs wiżna, u saħansitra anke tal-wiżna, għalkemm din ma tantx kien hemm talba kbira għaliha. M'hemmx għalfejn ngħidu li tal-wiżna kienet tkun goffa ħafna, meta nqisu li tar-ratal kien ikun fiha sitt piedi tul. Tal-wiżna kienet tintuża ferm quddiem il-vari tal-festa.

Dan kollu juri l-importanza li x-xemgħa kellha f'pajjiżna fiż-żmien l-imgħoddi. Kellha importanza kbira fir-reliġjon, kif ukoll minħabba l-fatt li ma kienx hawn elettriku. Illum il-ġurnata, l-importanza tax-xemgħa naqset ferm, minħabba l-kultura moderna li laħqitna. Madankollu, irridu ngħidu li x-xemgħa manifatturata ġewwa Ħaż-Żebbuġ, kienet il-wens tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Patrimonju

**Riferenzi**

Paul P. Borg, "Snajja' u Xogħol il-Maltin", it-Tieni Volum – Peg Publications, 2001

